## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija.**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Abderlrahim Haddaia**

**Illum 24 ta' Dicembru, 2015.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Abderlrahim Haddaia** , ta' 58 sena, iben Haddaia u Mosto xebba Katun, imwieled is-Sirja, nhar l-10 ta' Dicembru, 1957, residenti fil-fond mhux maghruf u detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 22419A;

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2015 gewwa ix-Xatt, Sliema Malta ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija 22.30hrs;

1. Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tammontax ghal aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) ghat-detriment ta' Trasport Malta, Malta Public Transport u/jew persuni ohra.

Ghaldaqstant, filwaqt li nezebixxu l-Fedina Penali u estratt ta' l-Att tat-Twelid tal-imputat, nitolob li dan il-kaz jigi investigat skont il-Ligi.

Rat il-ligi senjatament l-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Rat l-fatt li gie ppruvat li l-akkuzat kkawza hsarat fil-valur €170, liema valur l-akkuzat qabel mieghu.

Ra li l-akkuzat talab li jkun jista jhallas il-hsarat permezz ta' pagamenti rateali.

Fic-cirkostanzi ssibu hati ta' l-akkuzi kollha u tikkundannah piena karcerarja ta' xahar sospizi ghal setejn, filwaqt illi tordnalu li jhallas il-hsarat ta' €170 permezz ta' pagamenti rateali ta' €20 il-wiehed b' effett mill-1 ta' Frar, 2016, b' dan illi jekk jonqos pagament wiehed, l-import kollu jkun dovut u s-sentenza ssir effettiva.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***